**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 10** **19 ta' Novembru 2024**

Il-Kunsill Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Desirei Grech
Maurizio Gauci
Kaylocke Buhagiar
Antoine Attard
Marie Claire Zammit Bonello
Rosette Cassar
Yana Borg Debono Grech
Gilmour Borg
Karl Cutajar
Stefano Sicari

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jade England
Alfred Attard
Luke Vella

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti: Desirei Grech, Maurizio Gauci, Kaylocke Buhagiar, Stefano Sicari, Karl Cutajar, Antoine Attard, Gilmour Borg, Rosette Cassar u Marie Claire Zammit Bonello. Aktar tard waslet Yana Borg Debono Grech. Preżenti wkoll kien hemm is-Sa Mandy Farrugia, is-Segretarju tal-Eżekuttiv.

**10.1. Qari tal-ittri tal-apoloġiji**

10.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-sitta u għaxra ta' filgħaxija. Is-Sindku Desirei Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

10.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv bdiet billi infurmat lill-kunsilliera preżenti li assenti b'apoloġija kien hemm Jade England, Luke Vella, u Alfred Attard.

**10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

10.2.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 9 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

10.2.2 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar irrefera għal punt fejn kien hemm miktub li s-Sindku wieġbet li kien hemm xi punt li mhux ser jiġi diskuss issa li ma kinitx ċara għal xiex.

10.2.3 Qal ukoll dwar il-matters arising, fejn iċċara li hu qal li mhux biss għandna napprovawhom u mbagħad jintnesa kollox.

10.2.4 Il-minuti tal-laqgħa numru 9 ġew approvati mill-Viċi Sindku Maurizo Buhagiar u ssekondat il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello.

**10.3 Matters Arising**

10.3.1 Il-Kunsillier Antoine Attard staqsa jekk it-tenders tal-periti ħarġux. Is-Sindku wieġbet li iva ħarġu.

10.3.2 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello reġgħet qajmet il-punt dwar il-water culverts fi Triq San Ġiljan u infurmat li din il-ġimgħa ġew jagħmlu xi xogħol u ma tafx jekk hux ser jibda x-xogħol f'din it-triq, għax hi ma semgħet xejn. Il-Ġimgħa l-oħra kienet ħafna xita u din it-triq għerqet.

10.3.3 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar qal li hawn qed nitkellmu fuq proġett wieqaf għax dan ilu hekk minn Awwissu u qal li jeħtieġ li din jidħol fiha l-Kunsill għax ilna għaddejjin ħafna fuq hekk.

10.3.4 Is-Sindku qalet li l-aħjar issir laqgħa ma' tal-Water Services rigward il-culverts. Kaylocke qal li mbagħad irridu naraw li ma nitilfux il-proġett tal-culverts.

10.3.5 Il-Kunsillier Antoine Attard qal li din il-problema qiegħda wkoll fi Triq Fleur de Lys u s-Sindku wieġbet li ser isir culvert wieħed f'din it-triq fil-bidu. Hu qal li hemm bżonn isiru laqgħat ma' dawn l-entitajiet fosthom mal-Water Services, Infrastructure Malta, Enemalta eċċ.
Is-Sindku qalet li hemm xi 3 toroq li qed jiġu rrapportati li qed jegħrqu wara x-xita.

10.3.6 Attard qal li r-residenti għandhom jiġu infurmati li dan jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Water Services.

**10.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

10.4.1 Is-Sindku Desirei Grech dawret il-kartolini tal-kompetizzjoni tal-Milied bit-tema *Il-Milied f'Birkirkara*. Spjegat li ser ikun hemm 9 kartolini, tliet rebbieħa minn kull kategorija li dawn ser jitqassmu fid-djar.

10.4.2 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia qalet li minn Transport Malta ġie aċċettat li jsir zebra crossing fi Triq l-Imrieħel u sleeping police aktar 'il fuq fit-triq.

10.4.3 Is-Sindku qalet li l-kunsill ġie avviċinat minn persuna minn childcare partikolari li tixtieq li tagħmel attività tal-Milied, u tablet lill-Kunsill biex jgħinuha fil-permessi, wardens, u biex inżejnu din it-triq u talbet siġra tal-Milied mill-kunsill bħala għajnuna.

10.4.4 Kaylocke Buhagiar staqsa jekk nistgħux nikkonfermaw it-triq u jekk it-triq mhix imniżżla bħala żona tat-tiżjin. Is-Sindku wieġbet li t-triq hija Triq il-Vittmi tal-Gwerra li ma jkunx hemm tiżjin fiha, għalhekk għandha tiġi infurmata li n-naħa tas-Swatar jiġi armat biss fejn il-parroċċa.

10.4.5 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech staqsiet jekk isirux attivitajiet tal-Milied fis-Swatar. Hi sostniet li fis-Swatar hemm bżonn ngħinu aktar biex ikun hemm atmosfera tal-Milied, u mhux biss isiru fiċ-ċentru ta' Birkirkara. Dan jgħodd ukoll anke għal żoni oħra bħall-Imrieħel.

10.4.6 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar qal li l-ewwel irridu naraw jekk hemmx fondi għal dan.

10.4.7 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv qalet li ser nieħdu 3000 ewro mir-reġjun u 5000 ewro mill-MTA iżda li dawn xorta mhux biżżejjed. Il-Kunsill qabel li ma jistax jgħin fit-tiżjin u jipprovdi s-siġra tal-Milied. Iżda permessi u warden ser ikun jgħin bħalma jsir is-soltu.

10.4.8 Is-Sindku qalet li rċevejna mingħand Enzo Cachia dwar xi skema u jekk il-Kunsill għadux interessat. Dan huwa proġett li ġie approvat, u s-Sindku qalet li hi tal-opinjoni li ġġib perit f'laqgħa u jikkomunika magħna x'inhu u mbagħad niddeċiedu.

10.4.9 Il-Kunsillier Kaylocke qal li dan diġà għandna l-flus u għalhekk nistgħu mmexxu u jekk hemm xi emendi nagħmluhom.

10.4.10 Is-Sindku qalet li s-Sur Alan Ciantar, is-Segretarju Ġenerali tal-klabb tal-Ħamiem li jinsab fi Sqaq Kantun, bagħat email jgħid li bħala klabb investew f'vettura u qed jitlob permess biex jibdew jipparkjaw fil-parkeġġ tal-Kunsill, anke jekk fil-bitħa barra.

10.4.11 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv qalet li fil-bitħa ma jistgħux jipparkjaw. Yana Borg Debono Grech staqsiet min għandu l-aċċess biex jipparkja u Mandy Farrugia qalet li l-ħaddiema u kull dipartiment li hawn jaħdem iħallas għal ammont ta' parkeġġi.

10.4.12 Il-Viċi Sindku staqsa jekk dan il-vann hux se jkun ta' inqas spazju għalina għax dan ser idum ħafna pparkjat hemmhekk. Staqsa jekk il-parkeġġ ikunx dejjem mimli. Ġie mwieġeb li iva, speċjalment filgħodu.

10.4.13 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech qalet li hemm bżonn ngħinu lil kulħadd, anke lil dawn ladarba hi għaqda Karkariża.

10.4.14 Is-Sindku staqsiet lill-kunsilliera jekk jaqblux li dan jingħata parkeġġ. Kulħadd qabel. Is-Sur Buhagiar qal li ma jsibx problema ladarba jkun nadif u miżmum sew, filwaqt li s-Sur Attard qal li jibża' li jinħoloq xi preċedent.

10.4.15 Is-Sindku qalet li rċevejna email oħra minn resident dwar triq fejn fiha l-mamà ta' min bagħat l-email weġġgħet meta waqgħet f'din it-triq fuq bankina li hi mkissra. Huwa talab li jitħallsu xi spejjeż li jammontaw madwar 300 ewro. Is-Sindku qalet li ser ngħadduha bl-avukat u jmexxi hu. Kaylocke Buhagiar qal li anke huma jeħtieġ li jibagħtu ittra bl-avukat.

10.4.16 Il-Kunsillier Gilmour Borg staqsa jekk din il-bankina hux possibbli ssir. Is-Sindku wieġbet li hemm ħafna bankini li jeħtieġ li jsiru.

10.4.17 Kien hemm ukoll xi lmenti dwar culvert fi Fleur de Lys (fejn il-pompa tal-petrol) li qed jagħmel ħafna ħoss u talbu biex jagħtu widen għax ħadd mhu jagħti kas u ħadd ma jrid jieħu r-responsabbilità. Kaylocke Buhagiar staqsa jekk nistgħux nistaqsu lis-sid; għax jekk se nirranġaw dan irridu nirranġaw ta' kulħadd. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra bl-avukat.

10.4.18 Saret talba minn xi residenti biex isir bus shelter fi Triq Notabile (taħt l-Arkati) quddiem l-MFSA. Għax il-bus top qiegħed Ħal Balzan filwaqt li x-xelter jinsab 'l isfel u tal-Linja mhux tieqaf.

10.4.19 Is-Sur Kaylocke Buhagiar qal li l-Kunsill m'għandux ikun responsabbli għax kien Transport Malta li ressaqha. Il-Kunsilliera ma qablux li għandu jħallas il-kunsill. Is-Sindku qalet li nistgħu nitkellmu mal-kunsill ta' Ħal Balzan u anke ma' Transport Malta u ssir nota li s-Sur Borg issuġġerixxa li ssir bil-Malti u bl-Ingliż, u jsiru anke l-vleġeġ għal dawk li ma jistgħux jaqraw. Buhagiar qal li din hija responsabbiltà ta' Transport Malta.

10.4.20 Yana Borg Debono Grech staqsiet għala din ġiet imressqa, u Buhagiar qal li minħabba li saret ir-roundabout u saru xi linji ġodda.

**10.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

10.5.1 Is-Sur Buhagiar tkellem dwar l-isprall li jinsab quddiem il-Kunsill li qed jinstema' wisq. Is-Sindku wieġbet li għadna qed nistennew dwar dawn, għax ser jiswa 55,000 elf. Ġiet mistoqsija meta kien sar dan l-isprall.

10.5.2 Il-Kunsillier Karl Cutajar qal li bħalma rajna l-ħtieġa ta' xogħol b'urġenza fi Triq il-Kbira u sar, issa għandu jsir ix-xogħol fuq dan l-isprall.

10.5.3 Is-Sur Buhagiar qal li jekk hemm bżonn jiltaqa' l-kunsill b'mod urġenti.

10.5.4 Kaylocke Buhagiar tkellem dwar il-mixegħla tad-dawl li se ssir fit-30 ta' Novembru fi Pjazza Sant'Elena. Id-dawl tal-Milied qiegħed f'idejn il-Viċi Sindku u qiegħed għaddej ix-xogħol. Qal ukoll dwar Jum Birkirkara, attività li tibda b'Quddiesa fis-6.30pm u wara nkomplu fis-Sala tal-Kunsill fejn ser jingħata l-Ġieħ. Informa lill-Kunsilliera preżenti li ser jitqassmu l-inviti bil-posta.

10.5.5 Tkellem ukoll dwar il-villaġġ tal-Milied li se jsir bejn it-13 u l-15 ta' Diċembru, u li għal dan mhux ser jingħalqu t-toroq għax ser nużaw il-proprjetà tal-Knisja, għax ser ikun madwar il-Bażilika.

10.5.6 Il-Kunsillier Buhagiar qal li fondi ma kien hawn xejn, u użaw mill-flus milli kien baqa' minn tas-sena l-oħra. Qal li din il-ġimgħa ser titqassam ittra fid-djar tal-madwar biex jaraw eżatt x'se jsir.

10.5.7 Il-Kunsillier Karl Cutajar iħossha redikola li qegħdin f'Novembru u ma ġiex preżentat quarterly report wieħed din is-sena. Hu spjega dwar ix-schedule of payments u dwar xi charges li kien hemm. Hu jħoss li dan huwa ksur ta' etika.

10.5.9 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Mandy Farrugia wieġbet li l-Kunsill ilu tliet snin mingħajr accountant. Is-Sur Cutajar wieġeb li din hija responsabbiltà tagħha li din tissolva.

10.5.10 Is-Sindku wieġbet li jeħtieġ li ssir laqgħa fejn fiha jiġi l-accountant f'Novembru u fi żmien ġimagħtejn ikollna kollox f'idejna.

10.5.11 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech staqsiet għaliex tneħħiet l-arma ta' Birkirkara mill-plakka/irħama ta' Fleur de Lys. Hi taqbel li fuqha għandha ssir l-arma wkoll ta' Birkirkara, għax hemmhekk jaqa' taħt Birkirkara. Is-Sindku qalet li ma ssibx problema li din issir.

10.5.12 Is-Sur Borg ġibed l-attenzjoni dwar residenti li qegħdin iċemplu l-uffiċċju imma ma jaqbdux. Is-Sindku spjegat li l-ħaddiema qegħdin jimpikaw bejniethom u ma jridux jirrispondu t-telefon. Issa hemm persuna li nkarigata li tirrispondi t-telefon, apparti li kien hemm ukoll problema bit-telefon.

10.5.13 Il-Kunsillier Buhagiar issuġġerixxa li ssir sejħa interna ta' telephone operator u jintgħażel xi ħadd bejniethom.

10.5.14 Is-Sur Cutajar qal li wieħed irid jara xi dmirijiet hemm li għandu l-ħaddiem u jara li dawn isiru. Is-Sur Buhagiar qal li kulħadd ikollu x-xogħol tiegħu, allura hemm bżonn lil xi ħadd li jirrispondi t-telefon biss. Is-Sindku staqsiet jekk hux sejħa interna jew jiddaħħal xi ħadd ġdid. Huwa qal li għandna nibdew internal u nimxu minn hemm meta naraw il-kapaċità ta' min jintgħażel. Iżda jkun tajjeb jekk timpjega lil xi ħadd bi scale li jkun denju għalih.

10.5.15 Is-Sindku wieġbet li issa ser tiġi installata xi sistema ġdida fl-operat tat-telefon.

10.5.16 Il-Kunsilliera Rosette Cassar issuġġeriet li jkun hemm bħal roster bejn il-ħaddiema. Qalet ukoll li jeħtieġ li jittieħdu passi dixxiplinarji ladarba dan hu parti mix-xogħol tagħhom.

10.5.17 Il-Kunsilliera kollha qablu ma' Kaylocke dwar is-suġġeriment li jkun hemm sejħa interna.

10.5.18 Il-Kunsilliera Yana Borg Debono Grech staqsiet dwar Triq Ganu u l-karozzi tad-dealer li jipparkjaw hemmhekk. Ġiet imwieġba li ser jiċċekkjaw dwar dan.

10.5.19 Antoine Attard esprima l-opinjoni li wasal iż-żmien li tittieħed deċiżjoni dwar dan l-iżvilupp u li l-Kunsill għandu jagħti każ tas-sitwazzjoni. Huwa rrimarka li l-perit għandu jiġi infurmat dwar il-permessi relatati mal-bini ġdid.
Mandy Farrugia spjegat li diġà ntbagħat talba lill-perit biex jeżamina l-applikazzjoni. Antoine Attard ssuġġerixxa li l-perit għandu jippreżenta rapport lill-Kunsill, li fih jipprovdi informazzjoni dwar l-iżvilupp ippjanat u kif dan jista' jaffettwa lir-residenti. Żied jgħid li dan il-punt ilu jiġi diskuss, peress li huwa relatat mad-dekasteru tiegħu.

10.5.20 Semma wkoll xi postijiet dwar iż-żebgħa li hemm postijiet trivjali bħal Santa Marija, junction ħdejn l-istazzjon, Qormi Road, Sacred Heart eċċ, u li din il-grid light ilha biex issir is-snin.

10.5.21 Il-Kunsillier Kaylocke qal li din tkellimniha kemm-il darba imma baqa' ma sar xejn.

10.5.22 Is-Sur Attard semma wkoll li ser issir laqgħa dwar il-patrimonju fis-26 ta' Novembru fis-6pm għal min irid jattendi.

10.5.23 Marie Claire Zammit Bonello ġibdet l-attenzjoni dwar it-traffic management fis-Swatar u Ta' Paris.

10.5.24 Uriet ix-xewqa wkoll li titkellem dwar il-parkeġġ fi Triq it-Torri. Is-Sindku wieġbet li dwar dan hemm xi white paper.

10.5.25 Zammit Bonello qalet ukoll dwar attività ta' Movember li qed jorganizzaw hi, Rosette Cassar flimkien mas-Sindku fit-27 ta' Novembru u stiednet lill-Kunsilliera biex jattendu. Għal din l-attività ġejjin xi speċjalisti jitkellmu dwar il-kanċer u anke ser isiru xi testijiet taz-zokkor.

10.5.26 Il-Kunsilliera Zammit Bonello tkellmet ukoll dwar xi żvilupp li qed isir fi Triq l-Imrieħel. Minn dan it-twaqqigħ tal-bini ħareġ li hemm xi stilel simili għal dawk li hemm fis-saqaf fil-Knisja l-Qadima. Mir-riċerka li saret ġie konkluż li dawn aktarx inqalgħu mill-Knisja l-Qadima. Il-kuntrattur u sid il-post huma lesti li jagħtu l-istilel kollha lill-Kunsill Lokali għax dan huwa patrimonju tagħna. Dan diġà ħareġ il-permess li ser jitwaqqa'.

10.5.27 Kaylocke Buhagiar staqsa dawn x'ser isir minnhom. Marie Claire Zammit Bonello qalet li dawn ser jiġu regalati lill-Knisja l-Qadima.

10.5.28 Buhagiar issuġġerixxa li ssir vettrina bil-ħġieġ u nikkonservawhom hemm. Għandhom ikunu ġewwa minħabba l-elementi tan-natura.

10.5.29 Attard qal li xi ħadd avviċina lil Claire u hemm ktieb interessanti ħafna dwar il-bidu tal-familja Zammit li bdiet taħdem f'Birkirkara. Hu kiteb lil din il-persuna u talabha tagħti ktieb lill-Kunsill u ktieb lil-librerija ta' Birkirkara, u hi aċċettat.

**10.6 Ġnien John Borg**

10.6.1 Is-Sindku tkellmet dwar il-fondazzjoni taz-Zoni Turistiċi u li dawn qed jagħmlu xi xogħol ta' tisbiħ, u qed jiġu installati l-pjanċi tal-grounds u t-turf. Ir-residenti jixtiequ li jagħtu upgrade lil Ġnien John Borg. Qalet ukoll li għandha ssir konsultazzjoni pubblika dwar dan u jiddiskutu mar-residenti, anke wkoll fejn jidħlu traffic management tas-Swatar u Ta' Paris, u z-zona ta Santa Monika. Staqsiet lill-kunsillierajekk jaqblux, u qablu kollha.

**10.7 Mitħna tal-Imrieħel - Aġġornament**

10.7.1 Is-Sindku qalet li fl-aħħar laqgħa qbilna li l-mitħna trid titnaddaf b'urġenza u beda x-xogħol ta' tindif. Fl-istima li kienu għażlu kien hemm xi affarijiet mhux inklużi, li rajna l-importanza li dan issir waqt li qed isir ix-xogħol. Għalhekk kellna mmorru għal stima oħra u issa l-ispiża telgħet għal 3220 ewro u vat addizzjonali.

**10.8 Skema – SPI/SCI/08/2024 - Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2025.**

10.8.1 Is-Sindku spjegat li ħarġet skema ġdida, espressjoni ta' interess – trid issir f'dawn il-ġranet tal-Karnival. Irridu nagħtu x'se nagħmlu eżatt bħala attività. Kaylocke qal li min jixtieq jissuġġerixxi xi ħaġa jista' jagħmel dan.

10.8.2 Huwa qal li hemm sa issa żewġ suġġerimenti; jew parata għat-tfal jew ballu għall-adulti. Marie Claire Zammit Bonello qalet li rridu nagħmlu xi ħaġa differenti. Il-Kunsilliera kollha qablu li għandu jsir ballu, filwaqt li s-Sur Gilmour Borg qabel li ssir parata.

**10.9 Nominazzjonijiet għal Ġieħ Birkirkara**

10.9.1 Il-Kunsilliera qablu li jiddiskutu dan bil-mikrofonu mitfi.

In-nominati għal Ġieħ Birkirkara kienu dawn:

- Joseph Borg
- George Sammut
- John Borg
- Josephine Spiteri
- Kav. Malcolm Pisani
- Mr. Noel Cassar
- Victor Zammit

Kien hemm total ta' seba' nominazzjonijiet.

10.9.3 Saret votazzjoni fost il-kunsilliera preżenti biex jiġi determinat min ser jingħata dan il-Ġieħ. Wara l-votazzjoni, intgħażel Mr. Noel Cassar. Is-Sindku informa li n-nominati l-oħra ser jiġu mogħtija ċertifikat bħala rikonoxximent għall-kontribut tagħhom.

10.9.4 Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia qalet li hemm ukoll l-eks Sindku Joanne Debono Grech, li ser tingħata Ġieħ għax serviet bħala Sindku, bħalma jiġri wara li jkun hemm Sindku ġdid.

**10.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

10.10.1 Karl Cutajar staqsa dwar 61 u 81.
Yana Borg Debono Grech u Gilmour Borg japprovaw kollox barra l-81.

10.10.2 Dawn ġew approvati minn Marie Claire Zammit Bonello u Antoine Attard issekonda.

**10.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

10.11.1 Il-laqgħa ġiet fit-tmiem fid-8.50pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda kollha.

10.11.2 Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun it-Tlieta 17 ta' Diċembru fil-5pm.

Konfermati, illum 19 ta' Novembru 2024

IFFIRMATI
Desirei Grech
Sindku

Mandy Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Maurizio

Luke